



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.11.2024
COM(2024) 519 final

2024/0288 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2283 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni huma meħtieġa għall-prodotti li l-produzzjoni tagħhom fl-Unjoni ma tlaħħaqx mal-ħtiġijiet tal-industriji utenti fl-Unjoni għal perjodu tal-kwota partikolari. Jenħtieġ li l-kwoti tariffarji tal-Unjoni jinfetħu b'rati tad-dazju żero jew imnaqqsa għall-volumi x-xierqa, mingħajr ma joħolqu disturbi fis-swieq ta' dawn il-prodotti.

Fl-20 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament (UE) 2021/2283¹ li jiftaħ u jipprova għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, biex id-domanda tal-Unjoni għall-prodotti inkwistjoni tkun tista' tiġi ssodisfata bil-kundizzjonijiet l-aktar favorevoli.

Ir-Regolament jiġi aġġornat kull 6 xhur biex jakkomoda l-ħtiġijiet tal-industrija tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni, assistita mill-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja ("ETQG", Economic Tariff Questions Group), irrieżaminat it-talbiet kollha għal dazji tal-kwoti tariffarji awtonomi li baġtulha l-Istati Membri.

Wara dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tqis li l-ftuħ tal-kwoti tariffarji awtonomi huwa ġġustifikat għal ħames prodotti li bħalissa mhumiex elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283. Fir-rigward tas-26 prodott l-ieħor, sar meħtieġ li jew jinbidel il-kliem tad-deskrizzjoni, jiġi assenjat kodiċi NM/TARIC ġdid, jiżded, jew jitnaqqas il-volum tal-kwota inizjali, jiġi adattat il-perjodu tal-kwota, u/jew jiddaħħal rekwiżit tal-użu aħħari. It-tliet prodotti li għalihom il-kwota tariffarja ma tibqax fl-interess ekonomiku tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu rtirati.

Għal raġunijiet ta' ċarezza, ikun aħjar jekk tiġi ppubblikata verżjoni kkonsolidata tal-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283 li se tissostitwixxi għalkollox l-Anness preċedenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta ma taffettwax lill-pajjiżi li għandhom ftehim kummerċjali preferenzjali mal-Unjoni, u lanqas lill-pajjiżi kandidati jew lill-kandidati potenzjali għal ftehimiet preferenzjali mal-Unjoni (eż. is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi; ir-reġim kummerċjali tal-grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku; il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tikkonforma mal-politiki tal-Unjoni dwar l-agrikoltura, il-kummerċ, l-intrapriżi, l-iżvilupp, l-ambjent u r-relazzjonijiet esterni.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ ĠU L 458, 22.12.2021, p. 33

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-miżuri previsti jikkonformaw mal-prinċipji għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-operaturi involuti fil-kummerċ barrani, kif dikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi². Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi mixtieqa f'konformità mal-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 31 tat-TFUE, "Id-dazji tat-Tariffi Doganali Komuni għandhom jkunu stabbiliti mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni". Għalhekk, l-istrument xieraq huwa Regolament tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-iskema tal-kwoti tariffarji awtonomi kienet parti minn studju ta' evalwazzjoni mwettaq fl-2013 dwar is-sospensjonijiet tariffarji awtonomi³.

Il-kwoti u s-sospensjonijiet tariffarji awtonomi huma simili, ħlief għall-fatt li l-kwoti tariffarji awtonomi jillimitaw il-volumi tal-importazzjonijiet li jgawdu mir-rati tad-dazju mnaqqsa, filwaqt li s-sospensjonijiet tariffarji awtonomi jippermettu deroga totali jew parzjali tad-dazji normali applikabbli għal ċerti oġġetti importati lejn l-UE għal kwantità illimitata. L-evalwazzjoni kkonkludiet li r-raġuni fundamentali għall-iskema għadha valida. L-iffrankar tal-kostijiet għan-negozji tal-Unjoni li jimportaw oġġetti skont l-iskema jista' jkun sinifikanti. Barra minn hekk, skont il-prodott, il-kumpanija u s-settur ikkonċernati, dan l-iffrankar jista' jwassal għal benefiċċji usa', bħall-ixprunar tal-kompetittività, it-titjib fl-effiċjenza tal-metodi ta' produzzjoni u l-ħolqien jew iż-żamma tal-impjiegi fl-Unjoni. Id-dettalji tal-iffrankar minn dan ir-regolament jistgħu jinstabu fil-punt 4 u fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja, li jikkonsisti minn delegazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE kollha u mit-Turkija, assista lill-Kummissjoni fit-thejjja ta' din il-proposta.

L-ETQG ivvaluta bir-reqqa kull talba (ġdida, jew għal emenda). B'mod partikolari eżamina kull każ biex jiġi żgurat li dan ma jikkawża l-ebda ħsara lill-produtturi tal-Unjoni u li l-kompetittività tal-produtturi tal-Unjoni kienet qed tissaħħaħ u tiġi kkonsolidata. Il-membri tal-ETQG wettqu l-valutazzjoni permezz ta' diskussjonijiet, u l-Istati Membri kkonsultaw l-

² ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

³ https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2016-09/evaluation_suspensions_duties.pdf

industriji, l-assoċjazzjonijiet u l-kmamar tal-kummerċ ikkonċernati kif ukoll partijiet ikkonċernati oħra involuti.

Il-kwoti tariffarji kollha elenkati kienu s-suġġett ta' ftehimiet jew kompromessi li ntleħqu fid-diskussjonijiet li saru fl-ETQG u mas-servizzi l-oħra tal-Kummissjoni. Ma ġew identifikati l-ebda riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irreversibbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-emenda proposta hija ta' natura purament teknika u tikkonċerna biss il-kopertura tal-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2283. Ma twettqitx valutazzjoni tal-impatt minħabba li l-bidliet proposti fil-lista tal-prodotti li jgawdu mill-kwoti awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni mhumiex mistennija li jkollhom impatti sinifikanti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul. Id-dazji doganali mhux miġbura li jikkorrispondu għall-kwoti tariffarji awtonomi jammontaw għal madwar EUR 15-il miljun fis-sena. L-effett negattiv fuq ir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-baġit huwa ta' EUR 11,3-il miljun fis-sena (jiġifieri 75 % tat-total). Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji tal-proposta f'aktar dettall.

It-telf ta' dħul fir-riżorsi proprji tradizzjonali għandu jiġi kkompensat bil-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-Introjt Nazzjonali Gross (ING).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-miżuri proposti huma ġestiti fil-qafas tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea "TARIC" (huma integrati fit-TARIC u ġestiti mill-bażi tad-*data* QUOTA) u applikati mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2283 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' ċerti prodotti agrikoli u industrijali li mhumiex prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe disturb fis-suq għal dawk il-prodotti, il-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni ("il-kwoti") infetħu bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283¹. F'dawk il-kwoti, il-prodotti jistgħu jiġu importati fl-Unjoni b'rati tad-dazju żero jew imnaqqsqa.
- (2) Peress li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura provvista adegwata ta' ċerti prodotti industrijali, u wara li jitqies il-fatt li prodotti identiċi, ekwivalenti jew sostituti ma jiġux prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Unjoni, huwa neċessarju li jinfeħu kwoti ġodda bin-numri tal-ordni 09.2540, 09.2541, 09.2542, 09.2543 b'rati tad-dazju żero u 09.2795 b'rata tad-dazju mnaqqsqa għal kwantitajiet xierqa ta' dawk il-prodotti.
- (3) Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kwoti bin-numru tal-ordni 09.2652 u 09.2927 ma għadux adegwat biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi fl-Unjoni, jenħtieġ li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-prodotti koperti minn dawk il-kwoti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi modifikata l-indikazzjoni tal-kodiċi TARIC applikabbli għall-prodott bin-numru tal-ordni tal-kwota 09.2652. Barra minn hekk, huwa wkoll fl-interess tal-Unjoni li żżomm il-kwota bin-numru tal-ordni 09.2652 unikament għall-fini tal-użu tal-prodotti kkonċernati fil-manifattura ta' oġġetti speċifiċi prodotti fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2652 tkun tiddependi mill-użu speċifiku tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (4) Għall-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2596, 09.2597, u 09.2685, il-klassifikazzjoni ta' dawk il-prodotti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ("in-

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2283 tal-20 ta' Diċembru 2021 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1388/2013 (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2283/oj>).

² Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

Nomenklatura Magħquda”)³, inbidlet. Għaldaqstant, il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda applikabbli għal dawk il-kwoti jenħtieġ li jiġu adattati.

- (5) Peress li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiżgura provvista adegwata ta' ċerti prodotti industrijali, il-volumi tal-kwota bin-numru tal-ordni 09.2662 jenħtieġ li jiżdiedu.
- (6) Peress li żdiedet il-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni għal ċertu prodott industrijali, il-volum tal-kwota bin-numru tal-ordni 09.2679 jenħtieġ li jitnaqqas.
- (7) Għall-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2544, 09.2545, 09.2546, 09.2547, 09.2548, 09.2549, 09.2550, 09.2551, 09.2552, 09.2553, 09.2554, 09.2555, 09.2556, 09.2557, 09.2559 u 09.2560, jenħtieġ li l-perjodi tal-kwota jiġu estiżi u l-volumi tal-kwota jenħtieġ li jiġu adattati fuq bażi annwali peress li l-kwoti tariffarji nfetħu għal perjodu ta' 6 xhur biss u għadu fl-interess tal-Unjoni li jinżammu dawk il-kwoti.
- (8) Għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.2808, jenħtieġ li l-kwota tinfetaħ għal perjodu ta' 6 xhur, biex titqies l-evoluzzjoni potenzjali tal-produzzjoni fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni.
- (9) Għall-kwoti bin-numri tal-ordni 09.2563 u 09.2925, jenħtieġ li l-kwoti jinfetħu għal perjodu ta' 6 xhur biex jiġi żgurat li l-eżistenza kontinwa tagħhom ma tkunx f'kunflitt ma' kwalunkwe politika oħra tal-Unjoni. Barra minn hekk, huwa wkoll fl-interess tal-Unjoni li tnaqqas il-volum ta' dawk il-kwoti bin-nofs u li żżomm dawk il-kwoti unikament għall-fini tal-użu tal-prodotti kkonċernati fil-manifattura ta' oġġetti speċifiċi prodotti fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk il-kwoti tkun tiddependi mill-użu speċifiku tal-prodotti f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
- (10) Peress li ma għadux fl-interess tal-Unjoni li żżomm il-kwoti bin-numru tal-ordni 09.2664, 09.2682 u 09.2926, jenħtieġ li dawk il-kwoti jingħalqu b'effett mill-1 ta' Jannar 2025.
- (11) Filwaqt li jitqiesu l-emendi li jridu jsiru u għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2283 jiġi sostitwit.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/2283 jiġi emendat skont dan.
- (13) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni fl-applikazzjoni tal-iskema tal-kwoti u biex ikun hemm konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti awtonomi, il-bidliet previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-kwoti tariffarji għall-prodotti kkonċernati jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) 2021/2283 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2283 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali

2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena 2025: EUR 21 082 004 566

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul - l-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja baġitarja	Dħul	Perjodu ta' 12-il xahar, li jibda minn jj/xx/ssss	[Sena: 2025]
Artikolu 120	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	01/01/2025	- 11,3

L-Anness fih ħames prodotti ġodda. Id-dazji mhux miġbura li jikkorrispondu għal dawn il-kwoti tariffarji, ikkalkulati abbażi tat-tbassir tal-Istat Membru rikjedenti għall-2025, jammontaw għal EUR 31 171 227 fis-sena.

Tliet prodotti ġew irtirati mill-Anness tar-Regolament (UE) Nru 2021/2283 wara l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazji doganali. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 16 161 118 kull sena fil-ġbir tad-dazji, kif stmat abbażi tal-istatistika tal-2023.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-impatt pożittiv fuq id-dħul għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn dan ir-Regolament huwa stmat għal EUR 31 171 227 – 16 161 118 = 15 010 109 (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) x 0,75 = EUR 11 257 582 fis-sena (ammont nett).

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Il-kontrolli fuq l-użu aħħari ta' wħud mill-prodotti koperti minn dan ir-Regolament tal-Kunsill se jsiru f'konformità mal-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu kull kontroll doganali li jqisu xieraq bħala parti mill-ġestjoni tar-riskju li jwettqu, kif previst mill-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).